**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR ELAINE RIZZO LL.D**

**Kaz Nru.: 3935/24**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**GOVINDA PRASAD NEUPANE**

**Illum, it-22 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Govinda Prasad Neupane**, ta' 34 sena, iben Narbhupal Neupane u Maya Davdi Neupane, imwieled Palpa Nepal nhar il-25 ta' Frar 1990, mingħajr residenza fissa u numru tal-passaport D12074081, akkużat talli nhar il-21 ta' Mejju 2024 għall-ħabta ta' 00.55hrs ġewwa Ħ'Attard, Malta u postijiet oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. Saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni OQZ837 mingħajr ma kellu liċenżja neċessarja tas-sewqan, artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni OQZ837 mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni, artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiseb vantaġġ u benefiċċju għalih innifsu f'xi dokumenti maħsuba għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, ta' tagħrif falz, artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li tiskwalifika lil Govinda Prasad Neupane milli jkollu u/jew jikseb liċenżja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidrilha xieraq.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li din il-Qorti spjegat b'mod solenni l-konsegwenzi tal-istess ammissjoni, wara li tatu zmien sabiex jirtira l-istess u dana wara li jerġa' jirrikonsidra l-istess ammissjoni u jerġgħa jikkonsulta mal-avukat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati u l-fedina penali tal-istess imputat. Qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat fejn huwa irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri odjerni kif ukoll dak sottomess mill-partijiet, fejn jidher li hemm qbil li piena ta' priġunerija sospiża hija l-piena idoneja għall-każ odjern kif ukoll tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-imputat.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 188(1) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, Govinda Prasad Neupane, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija li a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx jidħlu fis-seħħ sakem il-ħati ma jikkommettiex delitt ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sena millum.

Il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu u/jew jikseb liċenżja tas-sewqan għal żmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-reponsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**